PARLAMENT EWROPEW

EDIZZJONI SPEĊJALI

# KUNSILL EWROPEW
# 23 u 24 ta' Marzu 2006
# Brussell

**DISKORS TAL-PRESIDENT, JOSEP BORRELL FONTELLES**
**KONKLUŻJONIJIET TAL-PRESIDENZA**




01/S-2006

*Direttorat Ġenerali għall-Presidenza*

MT

MT

**(Intranet) http://www.europarl.ep.ec/bulletins (Special Edition 2006)**
**(Internet) http://www.europarl.eu.int/bulletins (Special Edition 2006)**

**\\EPADES\PUBLIC\SOMMET\2006**

## DISKORS MILL-PRESIDENT TAL-PARLAMENT EWROPEW LILL-KUNSILL EWROPEW - MARZU 2006

Sinjuri, Kapijiet ta' Stati u Gvernijiet:

Matul kull waħda mis-sitt snin li għaddew mill-Kunsill ta' Liżbona ta' Marzu 2000, l-ekonomija taz-zona ta' l-euro kibret b'anqas minn 2%.

Ninsabu 'l bogħod milli nitqiesu bħala l-aktar ekonomija dinamika tad-dinja.

Il-prospetti issa jidher li qed jitjiebu, imma dawn is-snin bla fejda raw it-telf ta' għadd kbir ta' impjiegi. Issa huwa urgenti li nirkupraw dak li tlifna.

Iċ-ċittadini tagħna jidentifikaw ruħhom mal-proġett Ewropew biss jekk l-UE tkun kapaċi tixpruna tkabbir li huwa bbażat fuq is-solidarjetà u s-sostenibilità.

Għal dan il-għan neħtieġu riformi aktar attivi u aktar koordinati u politiki fuq skala Ewropea.

Hawnhekk wieħed mill-oqsma kruċjali huwa l-eneġija, li se jkollha post ċentrali fid-dibattiti tagħkom.

Il-Parlament Ewropew jifraħ jara li r-reviżjoni ta' l-istrateġija għat-tkabbir u x-xogħol, kif promossa mill-Kunsill Ewropew ir-rebbiegħa li għaddiet, tat il-frott tagħha permezz tal-Pjani Nazzjonali ta' Azzjoni.

Dan hu pass 'il quddiem importanti imma waħdu mhux biżżejjed.

Huwa importanti għaliex jagħmel ċara d-diviżjoni tal-poter fuq livell Nazzjonali u fuq livell Ewropew. Issa qed nibdew inpattu n-nuqqas ta' approprazzjonijiet nazzjonali u soċjali ta' l-Istrateġija, waqt li nifhmu aħjar il-valur miżjud Ewropew li hija toħloq.

Kieku ma kienx hekk, intom fil-Kunsill Ewropew issa ma kontux tkunu hawn biex tiddiskutu politiki li jaqgħu kważi kollha fi ħdan kompetenzi nazzjonali.

Madankollu dan mhux biżżejjed, għax dak li għandna xorta jixbah aktar "business plan" purament indikattiv, milli proġett għas-soċjetà Ewropea.

Il-Pjanijiet Nazzjonali għar-Riforma jonqoshom objettivi kwantitattivi u l-mezzi konkreti biex jintlaħqu. Ħdax biss mill-ħamsa u għoxrin Stat Membru huma lesti li jaħtru rappreżentant nazzjonali għall-Istrateġija Ewropea għat-Tkabbir u l-Impjiegi.

Man-nuqqas ta' suffiċjenza rridu nżidu l-inkonsistenza, għaliex l-impenji għal oqsma ta' azzjoni li l-Kummissjoni tqis prijoritarji, mhumiex kompatibbli ma' l-abbozz tal-prospettivi finanzjarji għas-snin 2007-2013.

Il-Kummissjoni wriet it-tħassib tagħha għall-qtugħ mill-baġit li jaffettwa programmi li huma kruċjali għall-Istrateġija:

- ir-riċerka u l-iżvilupp: 20 biljun Ewro
- innovazzjonijiet: biljun Ewro
- edukazzjoni u taħriġ: tnaqqis ta' 50%
- l-SMEs: tnaqqis ta' 40%
- enerġija: ebda żieda ta' fondi
- azzjonijiet esterni: tnaqqis ta' 21%
- netwerks ta' trasport trans-Ewropej: defiċits li diġà jidhru, eċċ.

Minħabba din l-inkonsistenza ma' l-objettivi li intom stess kontu pproponejtu, il-PE ċaħad il-proposta tagħkom b'maġġoranza kbira.

Madankollu l-Parlament aċċettaha bħala bażi għal negozjati interistituzzjonali.

Dawk in-negozjati ma għamlux wisq progress. Xorta se jkun hemm laqgħa tat-trijologu, imma baqa' nuqqas ta' qbil kbir dwar dak li għandu x'jaqsam mal-flessibiltà u l-fondi meħtieġa għal ċerti politiki ta' nfiq ta' importanza partikolari għall-Ewropa.

Nagħtu din l-importanza kollha lil din il-kwistjoni għaliex qed niffaċċjaw problema ta' kredibilità: L-UE qiegħda dejjem tipproponi objettivi ġodda u oqsma ġodda ta' azzjoni, kemm fil-politika interna, bħalma hi r-riċerka jew l-enerġija, kif ukoll fl-irwol tagħha ta' protagonista globali - dan kollu imma mingħajr ma' tforni ruħha bil-mezzi meħtieġa biex tilħaqhom.

Sinjuri, Kapijiet ta' Stati u Gvernijiet:

Nitlobkom biex tevitaw li tkompli tkabbru d-diżilluzzjoni bil-proġett Ewropew. Ma nkomplux inkattru aspettattivi ġodda li ma nkunux nistgħu nissodisfaw. Ejja niftehmu biex jirnexxilna nissodisfaw dawk l-aspettattivi li diġà ħloqna.

Infakkarkom li kwalunkwe evalwazzjoni intermedjarja tal-prospettiva finanzjarja trid tiġi approvata mill-Parlament Ewropew.

Sinjuri, Kapijiet ta' Stati u Gvernijiet:

Il-PE jemmen li huwa ta' importanza vitali li s-suq intern ikun komplut kif ukoll il-moviment ħieles tal-kapital, tal-merkanzija, tal-persuni u tas-servizzi.

Għalhekk huwa jifraħ bid-deċiżjoni reċenti ta' għadd ta' gvernijiet nazzjonali li ma japplikawx il-perjodu ta' transizzjoni għall-moviment ħieles tal-ħaddiema mill-Istati Membri ġodda.

Il-Parlament jitlob lil dawk l-Istati Membri li ma għamlux hekk biex isegwu dan l-eżempju mill-aktar fis.

Barra minn hekk, wara dibattiti twal, il-Parlament irnexxielu jikkalma t-tensjoni li ġġenerat id-direttiva dwar is-servizzi.

Ħafna min-nuqqas ta' ftehim dwar il-proġett issa ġie ċċarat. Xi Stati Membri ħadu din id-Direttiva bħala opportunità biex ikabbru l-kompetettività tagħhom fis-suq intern, waqt li oħrajn rawha li tista' ġġib magħha riskju ta' "dumping" soċjali. Id-dibattitu ġie mċajpar minħabba t-taħwid bejn proviżjoni ta' servizz u stabbiliment permanenti.

Il-Parlament irnexxielu jieħu t-triq tan-nofs billi naqqas il-firxa ta' l-iskop tad-direttiva, billi neħħa l-prinċipju kontroversjali dwar "il-pajjiż ta' oriġini", u billi bena konsensus politiku u evita konfront dirett bejn Stati Membri ġodda u Stati Membri qodma.

Issa jeħtieġ li l-Kummissjoni tissottometti proposta riveduta lill-Kunsill.

Nitlob minnkom li ma żżarmawx dik li issa hija ftehima hekk dettaljata u li tista' tippermetti l-operat f'suq wieħed ta' servizzi, filwaqt li tirrispetta s-sistemi soċjali ta' l-Istati Membri.

Il-Parlament jitlob biex l-Istrateġija għat-Tkabbir u l-Impjiegi tiżgura skrupolożament ir-rispett lejn il-bilanċ bejn il-kompetettività u d-dimensjoni soċjali.

Dan huwa essenzjali jekk irridu nirbħu lura ċ-ċittadini tagħna u nittakiljaw il-problema serja ħafna tal-faqar fis-soċjetà Ewropea li taffettwa 15% tal-popolazzjoni - objettiv li kważi sparixxa totalment mill-proposti tal-Kummissjoni.

It-taħlita ta' flessibilità u sigurtà hija speċjalment importanti jekk irridu niġġieldu s-sensazzjoni ta' nuqqas ta' sigurtà - li għal xi wħud hija realtà, għal oħrajn biza' - li ħafna Ewropej qed iħossu dażżmenijiet.

Riformi ħafna drabi jidhru biss bħala alibi biex jitnaqqsu l-pagi u s-sigurtà ta' l-impjiegi. Din is-sitwazzjoni tista' twassal biex wieħed jirtira mill-impenn, li jkun kuntrarju għall-objettivi li wieħed joħroġ fil-beraħ u jadatta ruħu għal dinja li qed naspiraw għaliha.

Ħaddiema bla wisq taħriġ għandhom ikunu l-benefiċjarji primarji ta' attività biex titjieb is-sigurtà tax-xogħol permezz ta' programmi ta' taħriġ.

Madankollu r-rapporti tal-Kummissjoni juru li dan mhux isir. In-numru ta' ħaddiema bla wisq taħriġ li huma reġistrati fi programmi bħal dawn huwa biss ta' 45% u f'xi Stati Membri jinżel għal 20% biss.

Sejrin tidibattu proposta estremament importanti tal-Presidenza Awstrijaka u tal-Kummissjoni, jiġifieri li fl-2007 kull żgħażugħ għandu jiġi offrut impjieg, jew apprendistat jew programm ta' taħriġ biex jintegra ruħu fid-dinja tax-xogħol.

Jekk hemm xi objettiv li għandu jkun emfasizzat fil-konklużjonijiet tagħkom - li kultant huma twal wisq biex wieħed jifhimhom - araw li jkun dan. Madankollu, li wieħed jistqarr l-objettiv ma jkunx biżżejjed: diġà kellna biżżejjed xewqat fiergħa. Huwa importanti li intom tispeċifikaw kif se jintlaħaq dan l-objettiv u li tiġi ffissata skadenza għalih. Tridu wkoll tispjegaw kif se timmoniterjaw ir-rizultati li jinkisbu mill-Istati Membri individwali.

Tiftakru tajjeb il-Kunsill Ewropew ta’ Barċellona ta' l-2002. Dakinhar konna qbilna li biex tiġi stimulata r-rata tat-twelid, kellhom jiżdiedu bi 33% l-postijiet fin-'nurseries' għat-tfal ta’ taħt it-tliet snin u li kellhom jiġu rduppjati l-postijiet fin-'nursieries' għal tfal ta’ bejn it-tliet snin u l-età obbligatorja biex it-tfal imorru l-iskola.

X’ġara minnha dik il-wegħda? Hawn xi ħadd li jaf? Hawn xi ħadd li talanqas jiftakar dawk l-objettivi?

Ejjew noqgħodu attenti li l-istess xorti ma tmissx lill-objettivi tagħna ta’ llum, li huma daqstant ta’ min ifaħħarhom, imma li jispiċċaw biss biex ikattru x-xettiċiżmu tal-poplu jekk inħalluhom jisparixxu fix-xejn.

Il-PE jemmen li t-tkabbir ekonomiku jeħtieġ qafas makroekonomiku xieraq. Għalhekk jixtieq li l-istrateġiji frammentati għat-tkabbir jieqfu, u jisħaq favur koordinazzjoni aktar mill-qrib ta' politiki ekonomiċi, baġitarji u fiskali.

Jeħtieġ niżguraw li l-pedamenti tal-koeżjoni soċjali ma jkunux imdgħajfa mill-kompetizzjoni fiskali bejn l-Istati Membri.

Barra minn hekk, jeħtieġ li l-poplu jifhem ir-regoli li fuqhom timxi l-UE biex tieħu d-deċiżjonijiet.

Kif jista' jifhem il-pubbliku li l-għażla tar-rata tal-VAT fuq prodotti li m'humiex esportabbli, bħas-servizzi tar-restoranti jew tal-kostruzzjoni, teħtieġ l-unanimità fost l-Istati Membri, filwaqt li t-tassazzjoni diretta, fattur li huwa kruċjali għall-kompetitività territorjali, tista' tiġi deċiża skond kif jidhirlu kull Stat Membru, mingħajr ma l-Unjoni tista' tagħti ebda opinjoni?

Fir-rigward tal-popolazzjoni li qiegħda tixjieħ u l-isfida tad-demografija, il-Parlament jinsisti dwar l-importanza vitali tal-politika ta' immigrazzjoni. Jeħtieġ li d-definizzjoni ta' kwalunkwe strateġija għat-tkabbir, għall-impjiegi u għall-koeżjoni soċjali, tqis mill-qrib il-politika ta' l-immigrazzjoni.

Tmien snin wara Tampere (1999), x'progress veru għamilna dwar dik il-politika Ewropea għall-immigrazzjoni li kemm-il darba nstaħaq li għandna bżonn?

It-tweġiba hija li sar ftit ħafna. Fil-verità, għad m'hemm l-ebda politika Ewropea għall-*immigrazzjoni*. Qed nieħdu ħsieb il-*migrazzjoni*, u nifirxu l-problema lil hinn mill-fruntieri tagħna, filwaqt li l-Kunsill JHA m'huwiex kapaċi jieħu deċiżjonijiet.

Jeħtieġ li l-immigrazzjoni - il-proċess li permezz tiegħu l-migranti jidħlu - isir sinonimu ma' l-integrazzjoni fil-pajjiżi li qed jilqgħuhom u ma' koperazzjoni ta' żvilupp mal-pajjiżi ta' l-oriġni. Ikun żball kbir li wieħed jara l-kwistjoni biss mil-lat tas-sigurtà jew bħala mezz kif wieħed isolvi l-problema tal-popolazzjoni tagħna li qed tixjieħ.

Lanqas ma nistgħu nħallu l-pajjiżi tan-nofsinhar tal-Mediterran, il-pajjiżi ta' tranżitu jew il-pajjiżi li fihom l-immigranti jaslu l-ewwel, jiffaċċjaw il-kwistjoni waħedhom.

L-immigrazzjoni hija kwistjoni Ewropea.

Sadattant, it-talba għall-għajnuna qed issir aktar u aktar drammatika. Fi żmien 45 ġurnata, bejn 1200 u 1700 immigrant mill-Mawritanja, fi triqithom lejn il-Gżejjer Kanarji u fit-tiftixa għall-Eldorado Ewropew, għerqu fl-oċean Atlantiku.

L-Unjoni trid tiġġieled b'politki tajbin u sodi kontra dawk li llum jittraffikaw l-iskjavi.

Sinjuri, Kapijiet ta' Stati u Gvernijiet:

Fil-Kunsill Ewropew ta' Hampton Court, ressaqtu l-idea ta' politika Ewropea għall-enerġija.

Imbagħad bdiet il-kriżi tal-gass bejn ir-Russja u l-Ukrajna, li wriet kemm verament niddependu mill-enerġija.

L-Ewropa ndunat kemm hija vulnerabbli fir-rigward ta' l-enerġija. Sadattant, għadd ta' attentati ta' akkwiżizzjoni u kontro-attentati ta' akkwiżizzjoni enfasizzaw id-dimensjoni strateġika tas-settur għas-sovranità nazzjonali.

Il-'Green Paper' tal-Kummissjoni tressqet. Jeħtieġ li nieħdu azzjoni malajr.

L-enerġija tikxef biċ-ċar il-kontradizzjonijiet preżenti ta' l-Unjoni tagħna.

Kif nistgħu nirrikonċiljaw is-sovranità ta' l-Istati Membri tagħna mal-ħtieġa vitali li nirrispondu għal problemi komuni?

X'għandu jsir?

L-ewwelnett, l-enerġija trid issir komponent bażiku tal-politika esterna ta' l-Unjoni. Il-PE jaqbel bil-qawwa ma' dan, fuq il-bażi tas-sigurtà tal-provvista.

Jeħtieġ li nieħdu azzjoni soda biex intejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija, biex hekk inkunu nistgħu niffrankaw 20% tal-konsum. Madankollu, dan ikun jeħtieġ bidliet kbar fil-prezzijiet konċernati u fid-drawwiet soċjali.

Jeħtieġ ukoll li niddibattu l-kwistjoni tat-'taħlita ta' l-enerġija' t-tajba - kwistjoni sensittiva ħafna li qiegħda wkoll fil-qalba tas-sovranità nazzjonali.

Il-PE jemmen li 'l quddiem ma jistax ikun hemm sigurtà ta' enerġija mingħajr għejun ta' enerġija li jiġġeddu. Jeħtieġ li l-kapaċità teknoloġika tagħna f'dan il-qasam tintuża għall-iżvilupp tal-pajjiżi emerġenti u li se jibdlu l-mappa ta' l-enerġija tad-dinja.

Fl-istess ħin, il-PE jirrikonoxxi l-irwol li għandha l-enerġija nukleari biex tiżgura forniment sikur ta' elettriku. L-enerġija nukleari tikkontribwixxi għal nuqqas tad-$CO_2$, għalkemm toħloq tipi oħra ta' problemi ambjentali. Jeħtieġ li ninsew it-tabus tagħna u nibdew id-dibattitu.

Madankollu, il-kwistjoni ta' l-enerġija tiffaċċja problema kruċjali: ma hemmx politika Ewropea għall-enerġija, iżda hemm biss politika għall-kompetizzjoni li tiġi applikata għall-enerġija.

Dik il-politika għall-kompetizzjoni hija applikata għal suq li m'huwiex integrat, li huwa nieqes minn interkonnessjonijiet bejn il-fruntieri, u li m'huwiex qed jirċievi l-benefiċċji mistennija mil-liberalizzazzjoni ta' l-elettriku.

Il-konsumaturi ma bbenefikawx minn prezzijiet orħos jew minn servizzi ta' kwalità aħjar. L-ekonomija ta' l-UE m'hijiex qed tibbenefika bis-sħiħ f'dik li hi ta' kompetitività jew tnaqqis tal-prezzijiet.

Il-monopolji preċedenti għadhom jiddominaw is-swieq, m'hemmx kompetizzjoni sinifikanti bejn il-fruntieri, kompetituri ġodda m'humiex qed jingħataw il-kapaċitajiet ta' tranżitu neċessarji għall-gass u għall-elettriku. L-interkonnessjonijiet m'humiex biżżejjed, u dawk li jikkunsmaw l-iżjed, huma spiss marbutin b'kuntratti fit-tul li jmorru lura għaż-żminijiet ta' qabel il-liberalizzazzjoni.

Għalhekk wieħed ma jistagħġibx li s-suq waħdieni ta' l-Ewropa qed isir taqbida bejn pajjiżi li jqisu l-enerġija biss bħala problema strateġika ta' natura nazzjonali.

Permezz ta' maġġoranza kbira ħafna, il-Parlament Ewropew esprima t-tħassib tiegħu għal miżuri difensivi u protezzjonisti adottati minn gvernijiet li jmorru kontra l-mobilità tal-kapital u tad-dritt ta' l-istabbiliment. Il-Parlament talab lill-Kummissjoni biex tieħu pożizzjoni soda fid-difiża tas-suq intern, speċjalment fir-rigward ta' servizzi ta' enerġija u servizzi finanzjarji.

Il-Kummissjoni trid tara aktar kompetituri, sabiex ikun hemm aktar kompetizzjoni. Madankollu, il-fatt huwa li kumpaniji se jkomplu jingħaqdu, kemm jekk naqblu, kif ukoll jekk ma naqblux magħhom.

Il-kwistjoni hija jekk dawn joperawx f'livell nazzjonali jew f'livell Ewropew u liema livell ta' regolazzjoni jkun xieraq.

X'inhu l-irwol potenzjali tal-kompetizzjoni fis-settur ta' l-elettriku, u fejn jidħol is-servizz pubbliku?

Illum se tiftħu dibattitu ta' importanza vitali għall-futur ta' l-Ewropa. Il-Parlament Ewropew se jieħu sehem attiv f'dan id-dibattitu: biex tkun adottata politika Ewropea għall-enerġija se jinħtieġ ammont kbir ta' ... enerġija.

* * *

Bħala President ta' l-Assemblea Parlamentari Ewro-Mediterranja (EMPA), li se tiltaqa' dan il-'weekend' fi Brussell, ma nistax intemm dan id-diskors mingħajr ma nitkellem ftit dwar il-<u>Lvant Nofsani</u>.

Sinjuri, Kapijiet ta' Stati u Gvernijiet:

In-nuqqas tagħna li nagħmlu progress bit-tnehid mill-ġdid tas-sħubija mal-pajjiżi tal-Mediterran witta t-triq għal dawk li jipproponu l-hekk imsejjaħ 'kunflitt taċ-ċivilizzazzjonijiet'. Mir-riżultati ta' l-elezzjonijiet li saru fil-pajjiżi Għarab f'dawn l-aħħar xhur, jidher ukoll li hemm ħafna li lesti jappoġġjaw dak it-twemmin, fil-Palestina, fl-Eġittu, fl-Iraq, u dalwaqt, forsi wkoll f'pajjiżi oħrajn.

Id-dikjarazzjoni tal-Bureau ta' l-EMPA tas-6 ta' Frar kienet l-ewwel dikjarazzjoni konġunta dwar il-'kriżi tal-karikaturi', li tagħti xhieda tal-valur ta' l-Assemblea bħala forum għad-djalogu u l-koperazzjoni.

Madankollu, fl-istess kuntest, l-irtirar ta' l-osservaturi internazzjonali u l-attakk sussegwenti fuq il-ħabs f'Ġeriko, li minħabba fih il-President Abbas ma setax jindirizza lill-Parlament Ewropew, taw lill-Iżlamisti tar-reġjun aktar raġunijiet biex jappoġġjaw il-fehmiet tagħhom.

Nhar it-Tnejn, aħna, il-membri parlamentari ta' l-Ewropa u tar-reġjun, se nagħmlu l-almu tagħna biex inkomplu noħolqu ambjent ta' djalogu. Jekk nagħmlu hekk, it-tnaqqis fil-baġit li affettwa l-programmi tal-MEDA jkollu jiġi rivedut. Barċellona 2005 ħalliet impressjoni ta' 'sħubija mingħajr sħab', u t-tnaqqis propost jista' jeqred il-kredibilità tal-proċess Ewro-Mediterranju.

L-assistenza tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, fil-livell xieraq, tkun ta' għajnuna kbira għal dak il-għan, u ssaħħaħ il-koperazzjoni interistituzzjonali li għal darb'oħra l-Parlament qed joffri lill-Kunsill.

Nirringrazzjakom għal din l-opportunità biex nindirizzakom, u nixtiqilkom ilkoll suċċess fix-xogħol tagħkom.